**30 ta' April, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Caruana

**Ftuħ tar-Reġistru wara l-ħinijiet legali**

*Meta l-liġi tistabbilixxi terminu li fih għandu jiġi ppreżentat xi att, dak it-terminu jagħlaq fil-ġurnata stabbilita fil-ħin ta' l-għeluq tar-reġistru. Il-proċedura tal-ftuħ tar-reġistru mhix intiża biex min ikun skadielu t-terminu għall-preżentata ta' xi att partikolari jestendi awtomatikament dak it-terminu b'terminu ieħor, imma hija intiża biss biex f'każijiet ta' urġenza li jkunu jirrikjedu azzjoni tempestiva da parti tal-Qorti, tali azzjoni tkun tista' tittieħed.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-pulizija esekuttiva kontra Anthony Caruana talli, fit-28 ta' Settembru, 1995 għall-ħabta tas-sitta u kwart ta' fil-għaxija, waqt li kien ġewwa Ta' Qali

ħdejn il-*ground* tal-futbol, post li huwa riserva taħt l-avviż legali numru 146/93, kellu fil-pussess u taħt il-kontroll tiegħu arma tan-nar "Benelli" numru M 576448E, munizzjoni, ċintorin bi tletin skartoċċ u *decoys* "*birdcalls*" f'post li huwa riserva; l-Ewwel Qorti kienet ukoll mitluba li barra milli tagħti l-piena skond ir-regolamenti relattivi tordna l-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Ġunju, 1996 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Caruana *ħati skond l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu*, ikkundannatu tliet mitt lira multa u ordnat il-konfiska ta' l-arma tan-nar, taċ-ċintorin u tal-munizzjon u ssospenditlu l-liċenzja tal-kaċċa għal perijodu ta' sena mill-istess sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Anthony Caruana, minnu ppreżentat fil-21 ta' Ġunju, 1996, li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew altrimenti u subordinatament ir-riforma tagħha kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża u speċjalment il-verbal irreġistrat fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 1997;

Ikkunsidrat:

Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 1997 il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet għall-fatt li mir-rikors a fol. 7 ta' l-atti jidher li r-rikors ta' l-appell ġie ppreżentat fil-21 ta' Ġunju, 1996, wara l-ħin ta' l-għeluq tar-reġistru. Fl-istess udjenza l-prosekuzzjoni eċċepiet in-*nullita'* tar-rikors ta' *appell minħabba* n-nuqqas ta' fatti fil-qosor u ta' l-aggravju;

L-appellant, tramite l-abbli difensur tiegħu, fisser li r-rikors ġie ppreżentat wara l-ħin ta' l-għeluq tar-reġistru fil-jum

tal'21 ta' Ġunju, 1996 peress li sal-ħin ta' l-għeluq kopja fidila tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Inferjuri kienet għadha ma tlestietx mid-deputat reġistratur responsabbli, u kien minħabba din ir-raġuni biss li dan ir-rikors ġie ppreżentat fir-reġistru wara l-ħin ta' l-għeluq;

Dak li għalhekk ser jiġi deċiż f'din is-sentenza hu jekk ir-rikors hux ritwali o meno. Huwa appena neċessarju jingħad li anke li kieku l-Avukat Ġenerali ma eċċepiex in-nullita` tar-rikors, it-tardivita` tar-rikors u l-konsegwenti nullita` ihi sollevabbli mill-Qorti *ex officio*;

Is-sentenza appellata ngħatat fil-11 ta' Ġunju, 1996. F'dik il-ġurnata stess Anthony Caruana talab is-suspensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza u din ġiet akkordata skond il-liġi. Huwa kellu sa nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Ġunju, 1996 biex jippreżenta r-rikors ta' appell (artikolu 417 (1) tal-Kap. 9);

Kif ġie deċiż minn din il-Qorti fis-sentenzi **Il-Pulizija** ***vs*** **Emanuel Micallef** (28/1/94) u **Il-Pulizija** ***vs*** **Joseph Rickett** (22/11/96), meta l-liġi tistabbilixxi terminu li fih għandu jiġi ppreżentat xi att - f'dan il-każ, rikors ta' appell - dak it-terminu jagħlaq fil-ġurnata stabbilita, fil-ħin ta' l-għeluq tar-reġistru. Il-proċedura tal-ftuħ tar-reġistru wara li jkun għalaq - proċedura addottata mill-appellant f'dan il-każ bir-rikors tiegħu għall-ftuħ tar-reġistru a fol. 7 ta' l-atti - mhix intiża biex min ikun skadielu t-terminu għall-preżentata ta' xi att partikolari jestendi dak it-terminu b'terminu ieħor, iżda hija intiża biss biex f'każijiet ta' urġenza, li jkunu jirrikjedu azzjoni tempestiva da parti tal-Qorti, tali azzjoni tkun tista' tittieħed;

L-appellant qed jipprova jiġġustifika l-preżentata wara l-ħin ta' l-għeluq tar-reġistru billi allega li kopja tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ma kinitx lesta jew ma ngħatatlux fiż-żmien utili

stabbilit mil-liġi. Din il-Qorti, pero`, tara li apparti l-fatt li ma jirriżultax li meta beda jagħfas iż-żmien l-appellant ippreżenta xi rikors biex jitlob li l-Qorti Inferjuri tordna lir-reġistratur jirrilaxxja kopja tas-sentenza (naturalment versu l-pagament tad-dritt stabbilit bil-liġi), tali kopja ma kinitx neċessarja biex l-appellant jew l-avukat tiegħu jirrediġu u jippreżentaw ir-rikors. L-imputazzjoni l-appellant kien jaf x'inhija għax kien irċeva ċ-ċitazzjoni. Id-deċiżjoni seta' jivverifikaha mis-sunt miżmum skond id-disposizzjoni tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 663 tal-Kodiċi Kriminali (apparti, naturalment, li l-istess appellant, li kien assistit mill-avukat tiegħu fl-udjenza li fiha ngħatat is-sentenza, sema' l-istess sentenza tinqara). Il-"fatti fil-qosor" imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 ma jiddependux la mis-sentenza u lanqas miċ-ċitazzjoni għax dawn għandhom ikunu l-fatti tal-każ kif l-appellant jgħid li ġraw. Fil-każ in diżamina l-aggravju ta' l-appellant lanqas ma kien jiddependi fuq xi ħaġa li qalet jew ma qalitx l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Basikament l-aggravju ta' l-appellant hu li "l-Qorti naqset li tieħu kont tal-fatti li, skond l-appellant, irriżultaw. Fi kliem ieħor, biex jirrediġi r-rikors ta' l-appell la l-appellant u lanqas l-avukat tiegħu ma kellhom bżonn li jkollhom f'idejhom kopja tas-sentenza;

Għall-motivi premessi l-Qorti:

Tirrespinġi l-preġudizzjali ssollevata mill-Avukat Ġenerali u ċjoe` tan-nullita` tar-rikors minħabba li ma fihx il-fatti fil-qosor u l-aggravju u dana peress li l-istess rikors fih ir-rekwiżiti msemmija fl-artikolu 419 (1) (a) tal-Kap. 9; u

Tiddikjara l-appell irritu u null peress li ġie ppreżentat barra miż-żmien stabbilit mil-liġi u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess rikors.